MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 332/2004

**Dottor Louis Cassar Pullicino**
**bhala prokuratur specjali u in rappreżentanza**
**tas-socjeta' estera Wilson Logistics Italia Spa**

**Vs**

**Eurobridge Shipping Services Ltd**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ppremetta:

Peress illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tmintax il-elf u hames mitt Euro (E18,500) rapprezentanti bilanc minn somma akbar li huma accettaw li kienet dovuta lill-atturi skond skrittura firmata fit-22 ta'

Ottubru 2002, salvi imghaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv;

U peress illi ghalkemm interpellat diversi drabi l-konvenut baqa’ inadempjenti;

Peress illi fil-fehma tal-istanti ghalhekk il-pretensjoni taghhom ghall-hlas tas-somma ndikata hija certa, likwida u dovuta u l-konvenuti ma ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghal din it-talba;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artiklu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u

2. Tikkundannahom ihallsu lill-attur is-somma fi flus Maltin ekwivalenti ghal tmintax il-elf u hames mitt Euro (E18,500) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta skond skrittura tat-22 ta’ Ottubru, 2002.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Frar, 2004 kontra l-konvenuti oltre imghaxijiet mill-1 ta’ Jannar, 2003 sal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tal-attur nomine.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci.

Semghet l-attur nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici ghall-ammont ta’ tmintax il-elf u hames mitt Euro (E18,500) ekwivalenti ghall-ammont ta’ sebat elef

disa' mija u tlett liri Maltin u tnejn u sittin centezmi (Lm7,903.62) fid-data tac-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------